KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.5.2005
KUMM(2005) 200 finali

2005/0095 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejnil-Komunitá Ewropea u l-Gvern tal-Kanada fuq l-ipproċessar ta' data dwar Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri (Advance Passenger Information - API)/Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR)**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-proposta mehmuza tagħmel sejħa lill-Kunsill biex jawtorizza l-konklużjoni ta' ftehim mal-Kanada għall-ipproċessar u t-trasferiment ta' Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri (API) u Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri għal vjaġġi mill-operaturi tat-trasport bl-ajru bejn l-UE u l-Kanada. Għandha l-għan li tiżgura li jkun hemm rispett għad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, b'mod partikolari d-dritt tal-privatezza filwaqt li tappoġġja l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja transnazzjonali. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta sett ta' linji ta' gwida ta' negozjar u awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim bħal dan mal-Kanada fis-7 ta' Marzu 2005.

- **Il-Kuntest ġenerali**

Wara l-11 ta' Settembru 2001, il-Kanada adottat leġiżlazzjoni li tawtorizza lill-Aġenzija tas-Servizzi tal-Fruntiera tal-Kanada (Canada Border Services Agency - CBSA) tikseb u tiġbor data ta' l-API u l-PNR marbuta mal-persuni kollha fuq titjiriet lejn il-Kanada. Is-CBSA daħħlet bil-ftit il-ftit il-ħtieġa li tkun ipprovduta d-data tal-PNR marbuta ma' persuni fuq titjiriet lejn il-Kanada bejn Marzu 2003 u Settembru 2004, u minn Frar 2005 introdućiet sistema ta' penalitajiet fi flus għan-nuqqas ta' osservanza. L-UE għandha deroga temporanja minn din il-ħtieġa sa l-1 ta' Lulju 2005, biex ikunu jistgħu isiru n-negozjati mal-Kanada dwar ftehim internazzjonali. Il-miżuri Kanadiżi ġew f'konflitt potenzjali mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri dwar il-ħarsien tal-privatezza u d-data, u b'mod partikolari mad-Direttiva 95/46/KE (ĠU L281, 23.11.95, p.31). Minn Lulju ta' l-2005, il-kumpaniji ta' ajru se jsibu potenzjalment quddiem wiċċhom sanzjonijiet għal nuqqas ta' osservanza fuq iż-żewġ naħat, mingħajr ma jkunu jistgħu isolvu l-problemi legali li hemm fin-nofs. Għalhekk teħtieġ soluzzjoni urġenti li tevita li jkun hemm inċertezzi legali għall-kumpaniji ta' l-ajru filwaqt li tiżgura l-ħarsien tal-privatezza taċ-ċittadini kif ukoll is-sigurtà fiżika tagħhom.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

M'hemmx dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta.

- **Konsistenza ma' miżuri u objettivi oħrajn ta' l-Unjoni**

Il-Kummissjoni ħadmet flimkien mal-Kanada biex tistabbilixxi qafas legali sod għat-trasferiment ta' data ta' l-API/PNR lis-CBSA, skond il-linji tal-mudell abbozzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2003 (COM (2003) 826 finali, "Trasferiment tad-data dwar ir-Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri ta' l-Ajru (PNR): Strateġija Globali UE") u li diġa ntuża ma' l-Istati Uniti.

Dan il-qafas legali jikkonsisti fi tliet elementi. Huwa bbażat : (i) fuq l-Impenji magħmula mis-CBSA fir-rigward ta' ħarsien addizzjonali li għandu jingħata lid-data ta' l-API/PNR; (ii) Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat xieraq il-ħarsien skond l-Artikolu 25 paragrafu 6 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (95/46/KE), u; (iii) ftehim bilaterali bejn l-Komunità Ewropea u l-Kanada.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Il-proposta timxi wara l-istrateġija stabbilita f'COM (2003) 826 finali.

- **Ġbir u użu ta' kompetenza**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' kompetenza esterna.

- **Valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-ftehim internazzjonali propost ma joħloqx obbligazzjonijiet addizzjonali. Pjuttost, jipprovdi l-bażi fil-liġi tal-Komunità (ara "Taqsira ta' l-azzjoni proposta" hawn taħt) biex l-operaturi ta' l-ajru li jagħmlu vjaġġi mill-UE għall-Kanada jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa Kanadiżi li jipproċessaw u jittrasferixxu d-data ta' l-API/PNR lill-awtorità Kanadiża kompetenti, is-CBSA. Jippermetti wkoll li jiġu nnominati awtoritajiet kompetenti minn kull naħa aktar tard bil-ftehim reċiproku tal-Partijiet.

Peress li l-ftehim propost ma joħloqx obbligazzjonijiet addizzjonali, u teħtieġ azzjoni urġenti fuq il-bażi ta' linji ta' gwida stabbiliti ta' strateġija, il-ftehim propost ma kienx is-suġġett ta' valutazzjoni ta' l-impatt.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira ta' l-azzjoni proposta**

Il-ftehim propost jipprovdi bażi leġittima għat-trasferiment tad-data lill-Kanada b'konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, jiġifieri, il-ħolqien ta' obbligu legali fi ħdan il-Komunità li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa skond il-liġi Kanadiża. L-applikazzjoni ta' dan l-obbligu legali hija soġġetta għal jekk tkunx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-adegwatezza, b'mod li jkun żgurat li kull nuqqas persistenti ta' konformità mill-Kanada ma' l-Impenji tagħha jwassal għas-sospensjoni tad-Deċiżjoni u awtomatikament għas-sospensjoni tal-ftehim.

Il--ftehim propost jesprimi wkoll il-prinċipji ġenerali ta' non-diskriminazzjoni u reċiproċità, u jipprevedi reviżjoni konġunta annwali ta' l-implimentazzjoni tiegħu stess.

- **Bażi legali**

L-artikoli 95 u 300(2) tat-Trattat li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea.

- **Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Il-ftehim internazzjonali propost jirrappreżenta l-aktar mezz sempliċi, ta' malajr u effiċjenti biex jipprovdi, bħala parti mill-pakkett legali ġenerali, soluzzjoni legalment soda.

Il-ftehim propost ma joħloqx pożijiet finanzjarji addizzjonali għall-Komunità jew għall-gvernijiet nazzjonali. Il-ħtieġa amministrattiva li tinżamm Reviżjoni Konġunta annwali ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim hija proporzjonali ma' l-għan tagħha li tipprovdi għall-ipproċessar u t-trasferiment tad-data ta' l-API/PNR b'konsistenza mal-ħtiġijiet ta' privatezza u sigurtà ta' data, u se tkun sodisfatta permezz ta' riżorsi eżistenti ta' staff.

- **L-għażla ta' l-għodda**

Għodda proposta: oħrajn.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

L-għodda proposta hija ftehim internazzjonali, li jagħmel parti minn pakkett legali kif deskritt hawn fuq. Din l-għodda ntgħażlet għaliex hija l-aktar mezz sempliċi u effiċjenti kif tipprovdi soluzzjoni legalment soda.

## 4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta m'għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

2005/0095 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejnil-Komunitá Ewropea u l-Gvern tal-Kanada fuq l-ipproċessar ta' *data* dwar Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri (Advance Passenger Information - API)/Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1]

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2]

Billi:

(1) Fis-7 ta' Marzu 2005 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja f'isem il-Komunità Ftehim mal-Kanada dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* dwar Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri (API) u Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mill-operaturi ta' l-ajru lill-Aġenzija ta' Servizzi tal-Fruntiera tal-Kanada (CBSA).

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar l-ipproċessar tad-*data* ta' l-API/PNR huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] ĠU C [□], [□], p. [□].
[2] ĠU C [□], [□], p. [□].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar persuna(i) bis-setgħa li jiffirma(aw) l-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

**FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-GVERN TAL-KANADA FUQ L-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* TA' L-API/PNR**

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-GVERN TAL-KANADA, minn issa 'l quddiem msejħa l-"Partijiet":

WARA LI GĦARFU l-importanza tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, partikolarment id-dritt għall-privatezza, u l-importanza tar-rispett ta' dawn il-valuri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità marbuta miegħu u reati oħra serji li huma transnazzjonali fin-natura tagħhom, inkluża l-kriminalità organizzata;

WARA LI KKUNSIDRAW il-kondizzjoni meħtieġa tal-Gvern tal-Kanada mill-operaturi ta' l-ajru li jġorru persuni lejn il-Kanada li jipprovdu *data* dwar Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri u Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (minn issa 'quddiem "API/PNR") lill-awtoritajiet Kanadiżi kompetenti, saħansitra li tinġabar u tinżamm fis-sistemi awtomatizzati ta' prenotazzjoni ta' l-operaturi u fis-sistemi ta' kontroll ta' partenza (DCS);

WARA LI KKUNSIDRAW id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u tal-moviment ħieles ta' din id-*data*, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(c) tiegħu;

WARA LI KKUNSIDRAW l-Impenji magħmula mill-awtorità kompetenti rilevanti fir-rigward tal-mod li bih se tipproċessa id-*data* ta' l-API/PNR li tasal mill-operaturi ta' l-ajru (minn issa 'l quddiem "l-Impenji");

WARA LI KKUNSIDRAW id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni, skond l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, (minn issa 'l quddiem "id-Deċiżjoni"), billi l-awtorità kompetenti Kanadiża rilevanti titqies li qiegħda tipprovdi livell xieraq ta' protezzjoni għad-*data* ta' l-API/PNR trasferita mill-Komunità Ewropea (minn issa 'l quddiem "il-Komunità") li tirrigwarda titjiriet tal-passiġġieri lejn il-Kanada, b'konformità ma' l-Impenji rilevanti, li huma annessi mad-Deċiżjoni rispettiva;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Linji ta' Gwida Riveduti dwar l-API adottati mill-Organizzazzjoni Doganali Dinjija (WCO), l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (IATA) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO);

F'IMPENN li jaħdmu flimkien biex jassistu l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fl-iżvilupp ta' standard multilaterali għat-trażmissjoni tad-*data* tal-PNR miksuba mill-operaturi ta' l-ajru kommerċjali;

WARA LI KKUNSIDRAW il-possibbiltà li jeffettwaw modifikazzjonijiet fl-Anness I tal-ftehim preżenti fil-ġejjieni bi proċeduri ssimplifikati, b'mod partikolari fir-rigward li tkun żgurata r-reċiproċità bejn il-Partijiet;

FTEHMU kif ġej:

*Artikolu 1*

*Għan*

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jkun żgurat li d-*data* ta' l-API/PNR ta' persuni fuq vjaġġi eliġibbli tingħata bir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza.

2. Vjaġġ eliġibbli huwa passaġġ b'operatur ta' l-ajru mit-territorju ta' Parti waħda lejn it-territorju tal-Parti li tagħmel it-talba.

*Artikolu 2*

*L-ipproċessar tad-datata' l- API/PNR*

1. Il-Partijiet jaqblu li d-*data* ta' l-API/PNR ta' persuni fuq titjiriet eliġibbli se jkunu pproċessati kif hemm fil-punti prinċipali ta' l-Impenji magħmula mill-awtorità kompetenti li tikseb id-*data* ta' l-API/PNR.

2. L-impenji jistipulaw ir-regoli u l-proċeduri għat-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-*data* ta' l-API/PNR ta' persuni fuq vjaġġi eliġibbli mogħtija lil xi awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tipproċessa id-*data* ta' l-API/PNR li tkun irċeviet u tittratta l-persuni fuq vjaġġi eliġibbli li magħhom tkun marbuta d-*data* b'konformità mal-liġijiet applikabbli u l-ħtiġijiet kostituzzjonali, mingħajr diskriminazzjoni, partikolarment fuq bażi ta' nazzjonalità u/jew pajjiż ta' residenza.

*Artikolu 3*

*Aċċess, korrezzjoni u notazzjoni*

1. Awtorità kompetenti għandha tagħti lil persuna li ma tkunx preżenti fit-territorju li fih din l-awtorità teżerċita ġurisdizzjoni, li għaliha tirreferi d-*data* API/PNR ipproċessata skond dan il-Ftehim, aċċess għad-*data* kif ukoll l-opportunità li tfittex li ssir korrezzjoni jekk din id-*data* tkun żbaljata jew li tiżdied notazzjoni li turi li tkun saret talba għal korrezzjoni.

2. L-opportunità li tingħata mill-awtorità kompetenti għal aċċess, korrezzjoni u notazzjoni fir-rigward ta' din id-*data* għandha tingħata f'ċirkustanzi simili għal dawk li fihom tkun disponibbli lil persuni preżenti fit-territorju li fih din l-awtorità teżerċita ġurisdizzjoni.

*Artikolu 4*

*Awtoritajiet kompetenti*

Awtorità kompetenti ta' Parti li tkun għamlet talba hija awtorità responsabbli fil-Kanada jew fl-Unjoni Ewropea għall-ipproċessar tad-*data* ta' l-API/PNR ta' persuni fuq vjaġġi eliġibbli kif speċifikat fl-Anness I ta' dan il-Ftehim, li jifforma parti integrali minnu.

*Artikolu 5*

*L-obbligu ta' ipproċessar tad-data ta' l-API/PNR*

1. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim fi ħdan il-Komunità, f'dak li huwa marbut ma' l-ipproċessar tad-*data* personali, l-operaturi ta' l-ajru li jeffettwaw vjaġġi eliġibbli mill-Komunità sal-Kanada għandhom jipproċessaw *data* ta' l-API/PNR li tinsab fis-sistemi awtomatizzati tagħhom ta' prenotazzjoni u fid-DCS kif meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti Kanadiżi skond il-liġi Kanadiża.

2. Il-lista ta' elementi ta' *data* tal-PNR li l-operaturi ta' l-ajru li jeffettwaw vjaġġi eliġibbli għandhom jittrasferixxu lill-awtorità Kanadiża kompetenti skond il-paragrafu 1 tinsab fl-Anness II ta' dan il-Ftehim, li jifforma parti integrali tiegħu.

3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 għandu japplika biss sakemm tibqa' applikabbli d-Deċiżjoni u jiġi bla effett fid-data li fiha d-Deċiżjoni titħassar, tiġi sospiża jew tiskadi mingħajr ma tiġġedded.

*Artikolu 6*

*Kumitat Konġunt*

1. B'dan qiegħed jiġi stabbilit Kumitat Koġunt,, li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parti, li se jkunu mgħarrfa lill-Parti l-oħra b'mezzi diplomatiċi. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' f'post u f'data b'aġenda ffissata b'kunsens reċiproku. L-ewwel laqgħa għandha sseħħ fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

2. Il-Kumitat Konġunt għandu, fost affarijiet oħra:

   (a) jkun ta' mezz ta' komunikazzjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u xi kwistjonijiet marbuta miegħu;

   (b) jirrisolvi, sa fejn ikun possibbli, xi tilwim li jista' jinqala' fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u xi kwistjonijiet marbuta miegħu;

   (c) jorganizza r-Reviżjonijiet Konġunti msemmija fl-Artikolu 8 u jiddetermina l-modalitajiet fid-dettall tar-reviżjoni konġunta;

   (d) jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

3. Il-Partijiet irrappreżentati fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar modifikazzjonijiet għall-Anness I tal-Ftehim, li jibdew japplikaw mid-data ta' dan il-ftehim.

*Artikolu 7*

*Soluzzjoni ta' Tilwim*

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin minnufih fuq talba ta' xi ħadd minnhom fir-rigward ta' xi tilwima li ma tkunx ġiet solvuta mill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 8*

*Reviżjonijiet Konġunti*

Il-Partijiet għandhom imexxu fuq bażi annwali, jew bi ftehim mod ieħor, Reviżjoni Konġunta ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ta' xi kwistjonijiet oħra marbuta miegħu kif stabbilit fl-Anness III, li jifforma parti integrali minnu, inklużi xi żviluppi bħal pereżempju d-definizzjoni mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili ta' linji ta' gwida rilevanti tal-PNR.

*Artikolu 9*

*Dħul fis-seħħ, emendi u terminazzjoni tal-Ftehim*

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ ma' l-iskambju ta' notifikazzjonijiet bejn il-Partijiet li jgħarrfu lil xulxin li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim waslu fi tmiem. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tat-tieni notifikazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(3), dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bi ftehim bejn il-Partijiet. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ 90 jum wara li l-Partijiet ikunu għarrfu lill-xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri rilevanti interni.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat minn kull Parti f'kull ħin wara notifika bil-miktub 90 jum qabel id-data ta' terminazzjoni proposta.

*Artikolu 10*

Dan il-Ftehim mhux maħsub biex jidderoga mil-leġiżlazzjoni tal-Partijiet jew jemendaha.

B'XHIEDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif xieraq għal dan, iffirmaw il-Ftehim preżenti.

MAGĦMUL, f'żewġ kopji, fi _____, dan _____ jum ta' _____, fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull verżjoni awtentika bl-istess mod. F'każ ta' diverġenza l-verżjoni Ingliża u Franċiża għandhom jgħoddu.

Għall-KOMUNITÀ EWROPEA

Għall-GVERN tal-KANADA

**Anness I:**

**Awtoritajiet Kompetenti**

Għall-għan ta' l-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti għall-Kanada hija l-Aġenzija ta' Servizzi tal-Fruntiera tal-Kanada (CBSA).

**Anness II:**

**Elementi ta' *Data* tal-PNR li jridu jinġabru**

1. Lokalizzatur tar-rekords PNR
2. Data ta' prenotazzjoni
3. Data(i) ta' meta hemm ħsieb li jsir il-vjaġġ
4. Isem
5. Ismijiet oħra fil-PNR
6. Tagħrif dwar il-forom kollha ta' pagament
7. Indirizz fejn jintbagħat il-kont
8. Numri tat-telefon biex isir kuntatt
9. L-itinerarju kollu tal-vjaġġ għall-PNR speċifiku
10. Tagħrif dwar Vjaġġaturi ta' spiss (numru ta' mili u indirizz(i) biss)
11. Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar
12. Aġent ta' l-Ivvjaġġar
13. Tagħrif tal-PNR mifrud/maqsum
14. Tagħrif dwar il-qasam għall-ħruġ tal-biljetti
15. Numru tal-biljett
16. Numru tal-pultruna
17. Data ta' ħruġ tal-biljett
18. Assenzi preċedenti
19. Numri tat-tikketta tal-bagalji
20. Tagħrif dwar assenzi preċedenti
21. Tagħrif dwar il-pultruna tal-passiġġier
22. Biljetti 'l hemm biss
23. Kull tagħrif ta' l-APIS miġbur
24. Standby
25. Ordni waqt iċ-check in

**Anness III:**

**Reviżjoni Konġunta**

Il-Partijiet se jibagħtu lil xulxin qabel ir-reviżjoni konġunta l-kompożizzjoni tat-timijiet rispettivi tagħhom, li jistgħu jinkludu awtoritajiet xierqa kompetenti fil-protezzjoni tal-privatezza /tad-*data*, dwana, imigrazzjoni, infurzar, ġbir ta' informazzjoni u interdizzjoni, u forom oħra ta' infurzar tal-liġi, sigurtà ta' fruntiera u/jew sigurtà ta' avjazzjoni, inklużi esperti mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Suġġetti għal-liġijiet applikabbli, dawk li jieħdu sehem fir-reviżjoni se jkunu mitluba jirrespettaw is-segretezza tad-diskussjonijiet u jkollhom kontrolli xierqa ta' sigurtà. Is-segretezza madankollu mhijiex se tkun ta' xkiel għal kull Parti li tagħmel rapport xieraq dwar ir-riżultati tar-reviżjoni konġunta lill-istituzzjonijiet kompetenti rispettivi, inklużi l-Parlament tal-Kanada u l-Parlament Ewropew.

Il-Partijiet se jiddeterminaw b'mod konġunt il-modalitajiet fid-dettall tar-reviżjoni konġunta